MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 454/2004

**Patrick u Alex, ahwa Pace, ezercitanti l-kummerc taht isem APA Import Export**

**vs**

**Ta' Xbiex Lapins Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erbat elef, sitt mija u erba u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM4674.33) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata, u kif ukoll tal-imghaxijiet legali dekorribbli mill-11 ta' Dicembru 2003 sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li qieghed jigi intavolat kontestwalment mal-prezenti, tat-taxxa fuq il-valur mizjud in konnessjoni mad-drittijiet

professjonali fuq dawn il-proceduri, u bis-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat illi is-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' Novembru, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna is-socjeta' konventuta thallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' erbat elef, sitt mija u erba u sebghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (LM4674.33) bl-imghax legali mill-11 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------